**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Ahmad Yassine**

**Seduta Distrett**

**Illum 3 ta' Ottubru 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Ahmad Yassine** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 241807 (L) billi huwa akkuzat talli nhar l-14 ta' Novembru 2016 gewwa dawn il-gzejjer:

1. Meta hekk ordnat mill-Onorabbli Qorti, ippreseduta mill-Onor. Imhallef Robert G. Mangion LL.D, datat nhar il-25 ta' Frar 2016, kiser l-ordni ta' protezzjoni bin-numru ta' referenza 1127/15RGM, a favur ta' Omissis, Omissis, Omissis, Omissis u Omissis.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni;

Semghet ukoll lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju;

Rat id-dokumenti esebiti inkluz Ordni ta' Protezzjoni mahruga mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja mill-Imhallef Robert G. Mangion tal-25 ta' Frar 2016;

**Il-fatti tal-kaz**

Il-kaz imur lura ghal nhar l-14 ta' Novembru 2016 fil-Belt Valletta, hekk kif mart l-imputat harget mill-Qorti u kienet sejra fi triqitha lura f'shelter fejn qieghda tghix flimkien ma' uliedha. L-imputat x'hin raha minn fejn kien qieghed jiehu kafe f'hanut qrib il-Qorti ghaddielha kumment li hi hassietu bhala wiehed intimidatorju u x'hin baqghet sejra, mar warajha. Biex tevitah dahlet f'hanut fi Triq ir-Repubblika izda hu xorta baqa' jsegwi l-passi taghha, sakemm ghamlet kuntatt mal-avukat taghha u l-pulizija. Il-kaz instema' fis-seduta tallum ghaliex l-imputat kien ilu mfittex ghal dawn l-ahhar xhur fejn ma kienx prezenti ghal tmien seduti.

**Oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> "Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil- kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Qorti ghalhekk innotat li dan il-kaz jiddependi mid-diskrezzjoni tal- gudikant lil minn jaghti affidament miz-zewg versjonijiet daqsxejn opposti.

II-Qorti hawnhekk qabel xejn tirrileva li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, waqt li d-Difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

**Konsiderazzjonijiet dwar l-akkuza**

Artikolu 412C (7) jipprovdi li "*Jekk mingħajr skuża raġonevoli l-akkużat jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni taħt dan l-artikolu, huwa jkun ħati ta' reat u jista', meta jinstab ħati jeħel multa ta' multa ta' elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentezmu (2,329.37) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.*"

Il-Prosekuzzjoni resqet bhala prova l-ordni mahruga mill-Imhallef Robert Mangion nhar 25 ta' Frar 2016 fejn il-Qorti kienet ipprovdiet

għas-sigurta' ta' Omissis u uliedja fejn kienet ipprojbit lill-imputat milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tagħha u liedha u ipprojbixxitu ukoll milli jikkuntatja lil martu u jżomm distanza ta' mhux anqas minn mitejn metru kull fejn tkun.

Illi skont l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Apparti minn dan, il-Qorti tinnota li mhux kull kunflitt fil-provi bilfors ghandu jwassal ghal-liberatorja, izda l- Qorti ghandha taghmel l-apprezzament taghha fl-isfond tal- Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali. Di fatti, fil-kawza fl-ismijiet Il- **Pulizija vs. Joseph Thorne**, moghtija fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet hekk:

> *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".*

F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat giet ippruvata sodisfacentement fil-grad rikjest mil-ligi.

**Ksur ta' Ordni mposta mill-Qorti**

Ordni tal-Qorti m'ghandiex tinkiser. Il-Qorti tkun tat tali ordni biex tissalvagwardja kemm lis-socjeta' ingenerali u b'mod partikolari lill-persuni li jehtiegu protezzjoni. Din il-Qorti mhix se tiehu dan il-ksur ta' ordni b'mod legger ghaliex jekk il-Qorti tkun leggera tkun qieghda taghti l-impressjoni li thalli lil min jigi jaqa' u jqum mill-ordnijiet taghha. B'dak li ghamel l-imputat abbuza mill-id tal-hniena tal-Qorti u m'ghandux jippretendi xi klemenza din id-darba. Li ssegwi l-passi ta′ dik li kienet martu u dan wara li harget mill-Qorti, huwa ukoll tip ta′ vjoenza domestika u m′ghandu qatt ikun permess. Din il-Qorti tikkundanna bla rizerva il-madmad ta′ vjolenza domestika ta′ kull tip u forma.

**DECIDE**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ssib lill-imputat Ahmed Yassine hati tal-akkuza migjuba kontrih u wara li rat Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija u multa ta′ elfejn u tlett mitt ewro (€2,300).

Il-Qorti tordna divjet ta′ isem il-mara u wliedha minn kull mezz ta′ pubblikazzjoni u xandir.

______________________

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**